MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 981/2003

**Forestals (Appliances) Limited**
**Vs**

**Ruth Brincat**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet pprezentat mill-attur, fis-16 ta' Mejju, 2003 fejn intalab li tithallas is-somma ta' mitt lira maltin (Lm100) mill-konvenuta ghal xiri ta' merkanzija minghand is-socjeta' attrici u bdiet taghmel pagamenti akkont, pero' illum ghad fadal thallas il-bilanc ta' Lm100;**

**Illi nonstante interpellata diversi drabi sabiex thalls, il-konvenuta baqghet inedempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sal-pagament effettiv.**

**Il-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

Wara li ra t-talba attrici ghal kundanna ghall-hlas tas-somma ta' (Lm100) mitt lira maltin bilanc ta'ammont akbar dovut ghall-merkanzija mixtrija.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata kontra l-konvenuta mill-lum ingunta ghas-subizzjoni.

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta fid-29 ta' Settembru, 2003, naqqset u dehritx meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tithoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u l-konvenuta thallas il-bilanc ta' mitt lira maltin (Lm100) ghal-merkanzija mixtrija bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------